# L-EPIFANIJA TAL-MULEJ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**
**Is 60, 1-6**

Qum! Ħa jiddi wiċċek, Ġerusalem.
Id-dawl tiegħek wasal!
Jiddi fuqek sebħ il-Mulej!
Ara, id-dlamijiet jiksu l-art,
u sħab iswed lill-popli:
iżda fuqek jiddi l-Mulej, u s-sebħ tiegħu jfeġġ fuqek.
Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek,
u s-slaten fid-dija ta' sbiħek.
Erfa' u dawwar għajnejk madwarek u ara:
lkoll miġbura ġejjin għandek.
Uliedek ġejja mill-bogħod,
u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn.
Imbagħad tħares u wiċċek jiddi,
u tħabbat u timtela qalbek,
għax fuqek taqa' l-kotra tal-ġid ta' l-ibħra,
u l-għana tal-ġnus jiġi għandek.
Imrieħel ta' iġmla għad jgħattuk,
l-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa;
lkoll minn Saba jiġu,
mgħobbija bid-deheb u l-inċens,
u jxandru t-tifħir tal-Mulej.
**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 71**
**Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej.**

Is-sultan jiġġudika l-popli tiegħek bis-sewwa
u l-imsejknin tiegħek bil-ħaqq.

**R/. Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej.**

Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja,
u s-sliem kotran għal dejjem ta' dejjem.
Ħa jsaltan minn baħar sa baħar,
U mix-xmara sa truf l-art.

**R/. Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej.**

Is-slaten ta' Tarsis u tal-gżejjer iġibu ir-rigali,
Is-slaten ta' Xeba u ta' Saba jħallsu t-tribut.
U jqimuh is-slaten kollha,
il-ġnus kollha jaqduh.

**R/. Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej.**

Għax hu jeħles lill-fqir li jsejjaħlu,
u lill-imsejken bla għajnuna ta' ħadd.
Iħoss għall-magħkus u għall-fqir;
u l-ħajja tal-fqar isalva.

**R/. Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**
**Ef 3,2-6**

Ħuti: Jekk kif tassew ġara, intom smajtu bil-pjan tal-grazzja ta' Alla mogħtija lili għall-ġid tagħkom, jiġifieri, li permezz ta' rivelazzjoni, kien mgħarraf lili l-Misteru, bħalma ġa ktibtilkom fil-qosor; minn dak li qrajtu tistgħu tifhmu sewwa kemm jiena dħalt fil-qalba tal-Misteru ta' Kristu, dak il-Misteru li, fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija, ma kienx mgħarraf lill-bnedmin, bħalma issa ġie rrivelat lil l-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti fl-Ispirtu, jiġifieri, li l-pagani huma msejħa biex ikollhom l-istess wirt, ikunu membri ta' l-istess Ġisem, u jkollhom sehem mill-istess wegħda, fi Kristu Ġesù, permezz ta' l-Evanġelju.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**HALLELUJAH HALLELUJAH**
Rajna il-kewkba tiegħu fil-Lvant,
u ġejna nqimu l-Mulej.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew.**
**Mt 2, 1-12**

Meta twieled Ġesu' f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mill-Lvant ġew Ġerusalem jistaqsu: "Fejn hu s-sultan tal-Lhud li twieled? Għax rajna l-kewkba tiegħu fil-Lvant, u ġejna nqimuh.''
Is-sultan Erodi sema' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalem kollha miegħu. U, wara li ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, ried jaf minn għandhom fejn kellu jitwieled il-Messija. U huma qalulu: "F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk inkiteb mill-profeta: 'U int, Betlehem, art ta' Ġuda, xejn ma int l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Israel.'"

Imbagħad Erodi sejjaħ l-maġi, u bir-reqqa kollha tkixxef minn għandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba, bagħathom f'Betlehem u qalilhom: "Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh, ejjew għiduli, biex jien ukoll niġi nqimu."
Dawk, wara li semgħu s-sultan, telqu; u ara, il-kewkba li kienu raw fil-lvant bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq fejn kien it-tifel. Kif raw il-kewkba,

mtlew f'ferħ kbir tassew. U meta daħlu d-dar, raw it-tarbija ma' ommu Marija, u xteħtu jqimuh; imbagħad fetħu t-teżori tagħhom, u offrewlu rigali: deheb, inċens u mirra. U wara li kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, reġgħu lura lejn arthom minn triq oħra.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-tifħir lilek Kristu.**